# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Jannar 2001

## Avviz numru : 68/2000GT(GM)

**Godwin Cardona, Simon Grech u Rina Gatt**

**-vs-**

**Ideas Limited**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz tat-talba, li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu s-segwenti:**

**Simon Grech u Rina Gatt xtraw telefon cellulari Nokia 3210 minghand is-socjeta' konvenuta fis-27 ta' April 2000 halli jinghata bhala rigal lill-attur iehor, Godwin Cardona.**

**Dan it-telefon cellulari mill-ewwel ma kellux ricezzjoni tajba u fl-4 ta' Mejju 2000, Simon Grech hadu ghand id-ditta konvenuta illi bidlitlu l-antenna.**

**Madanakollu ir-ricezzjoni ma tjibietx u anke l-batterija ma kinitx ticcargja u s-sur Godwin Cardona rritorna t-telefon fis-6 ta' Mejju 2000 sabiex jinbidel. Is-socjeta' konvenuta accettat illi tbiddel dan it-telefon purche' s-sur Cardona jammetti illi kien waqqa' t-telefon, haga li s-sur Cardona ma kienx ghamel u ghalhekk ma kienx lest illi jammetti. Fi kwalunkwe kaz, is-sur Cardona halla t-telefon ghand is-socjeta' konvenuta stante illi ma kienx tal-kwalita' pattwita.**

**L-atturi soffrew danni li jikkonsistu fl-ammont illi thallas ghal dan it-telefon cellulari kif ukoll ghoxrin lira spejjez sabiex imorru darbtejn ghand id-ditta konvenuta halli t-telefon jigi mibdul.**

**Bl-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji tat-8 ta' Mejju 2000 u 22 ta' Gunju 2000.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta inkluza l-eccezzjoni tal-*privilegium fori* stante illi l-indirizz registrat taghha huwa f'Malta u mhux f'Ghawdex u konsegwentement ir-residenza taghha hija Malta;**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li t-telefon cellulari Nokia 3210 in kwestjoni gie ccekkjat u ppruvat quddiem l-attrici Rina Gatt meta din xtratu fis-27 ta' April 2000 u dan kien qieghed jahdem b'mod perfett, fatt ikkonstatat ukoll mill-istess attrici Rina Gatt.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-telefon cellulari in kwestjoni gie ritornat xi tliet gimghat wara li dan inxtara u mhux disat ijiem wara kif allegat mill-atturi.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-hsara li biha gie ritornat it-telefon cellulari tliet gimghat wara li dan inxtara sehhet unikament tort ta' l-atturi u konsegwentement mhux koperta mill-garanzija pattiwita u minhabba f'hekk kulma l-kumpanija konvenuta setghet taghmel fic-cirkostanzi kien l-buona volonta taghha toffri li tbiddel l-arial tat-telefon cellulari li kien tkisser ma wiehed gdid kif fil-fatt ghamlet.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma kkuntentawx b'hekk u xi granet wara wiehed mill-atturi rritorna dan it-telefon cellulari. F'din l-okkazzjoni l-kumpanija konvenuta ma riditx taccetta dan it-telefon cellulari lura ghax l-atturi ma ridux jammettu, kif kien izda evidenti, li t-telefon cellulari kien twaqqa' minnhom u b'hekk zviluppa l-hsara li biha huma gabuh lura, liema hsara ma kinitx koperta bil-garanzija u wiehed mill-atturi qabad u telaq dan it-telefon cellulari fuq il-bank tal-hanut u telaq ' il barra.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kulma l-kumpanija konvenuta setghet taghmel f'dawn ic-cirkostanzi kien li terfa dan it-telefon cellulari sakemm jerghu jigu lura ghalih l-atturi haga li huma qatt ma ghamlu.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost stante li l-hsara fit-telefon cellulari in kwestjoni sehhet unikament tort l-atturi jsegwi li l-ebda spejjez ta' vjaggar ma huma dovuta lill-atturi.**

**Talbet lil dan it-Tribunal fl-ewwel lok jiddikjara li ma ghandux kompetenza f'din il-kwestjoni.**

**Fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, f'dak li jirrigwarda l-mertu dan l-Onorabbli Tribunal huwa mitlub li jichad it-talbiet attrici stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.**

**Sema' l-provi ghar-rigward biss tal-eccezzjoni preliminari tal-*privilegium fori* kif ukoll sema' t-trattazzjoni orali tal-avukati tal-partijiet kontendenti f'dan ir-rigward.**

**Ikkunsidra**

**Illi bhala fatti jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta ghandha l-indirizz registrat f'Malta, u li m'ghandha l-ebda fergha jew rapprezentant taghha fil-gzira Ghawdxija u li t-telefon cellulari – mertu ta' din il-kawza – inxtara mir-retail outlet tas-socjeta' konvenuta f'Malta. L-unika konnessjoni mal-gzira t'Ghawdex hi li Rina Gatt, li xtrat it-telefon cellulari, kif ukoll l-atturi l-ohrajn, huma residenti f'dik il-gzira..**

**Illi dan it-Tribunal ma jistax jaccetta t-tezi tas-socjeta' konvenuti fis-sens illi r-residenza taghha tinstab f'Malta sempliciment ghax l-indirizz irregistrat taghha jinstab hemmhekk. Bizzejjed jinghad li jekk wiehed ihares lejn Artikolu 745(e) ta' Kap 12, li jistabbilixxi r-regoli ta' gurisdizzjoni bejniet id-diversi qrati ta' Malta u Ghawdex, dan jistabbilixxi kriterju kompletament differenti, ghax jghid li *any body incorporated or other body having a distinct legal personality, is presumed to have its residence in the place in which any one of the representatives of such body or person resides.***

**Illi pero' dan it-Tribunal mhux marbut bl-imsemmi Artikolu 745(e). L-Att V tal-1995, Artiklu 3(4) jippreskrivi hekk:**

***It-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'dak il-post jew dawk il-postijiet f'Malta u Ghawdex hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-Gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha.***

**Illi minn din id-disposizzjoni legali jsegwi li:**

**Tribuanl ghal Talbiet Zghar hemm wiehed biss, kemm ghall-Gzira ta' Malta kif ukoll ghall-Gzira ta' Ghawdex, ghalkemm fuqu jistghu jinhatru diversi gudikaturi, purke' ghal kull kaz ikun hemm Gudikatur wiehed biss jisimghu. B'mod partikulari, ma hemmx Tribunal ghal Talbiet Zghar ghal Malta u Tribunal ghal Talbiet Zghar ghal Ghawdex.**

**2. Ghalhekk ma jistghux japplikaw id-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 745 ta' Kap 12, ghax dawn jirrigwardaw il-kompetenza bejn Qrati differenti.**

**3. Japplika biss l-imsemmi Artikolu 3(4) li jippreskrivi li safejn hu prattikabbli it-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu fil-Gzira**

**fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha.**

**4. Imkien ma tistabilixxi l-ligi fejn hi r-residenza ordinarja ta' socjeta' kummercjali, ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 3(4). Pero' fl-*Interpretation Act* (Kap 249, Artikolu 4(d) ) hemm stipulat li *the expression "person" shall include a body or other association of persons, whether such body or association is corporate or unincorporate.* Ghalhekk meta l-Artikolu 3(4) imsemmi qieghed jitkellem dwar "persuna" qed jitkellem ukoll dwar socjeta' kummercjali bhalma hija s-socjeta' konvenuta. Ghar-rigward ta' fejn hija r-residenza ordinarja taghha, fl-assenza ta' kriterji tassattivament imposti mil-ligi – bhalma hemm fl-artikolu 745 ta' Kap 12 fuq indikat – allura r-residenza ordinarja ta' socjeta' kummercjali ghandha tittiehed fit-tifsira naturali taghha, b'analogija mar-residenza ordinarja ta' persuna fizika. Ir-residenza ordinarja ta' persuna morali hija fil-post minn fejn jigi ezercitat il-kontroll centrali taghha.**

**Illi m'hemmx dubbju li l-kontroll centrali tas-socjeta' konvenuta huwa Malta: anzi, din il-kumpanija m'ghandha l-ebda konnessjoni, fl-operat taghha, mal-gzira Ghawdxija.**

**Billi, kif fuq spjegat, it-Tribunal huwa wiehed, mhux il-kaz li tigi milqugha l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif ifformolata u cioe' billi dan it-Tribunal jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz. B'danakollu, billi dan it-Tribunal huwa marbut li sa fejn huwa prattikabbli izomm il-laqghat tieghu fil-Gzira fejn il-persuna konvenuta jkollha r-residenza ordinarja taghha, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi li dan il-kaz ghandu jkompli jinstama' fil-Gzira ta' Malta u ghalhekk jordna lir-Registratur biex minnufih jibghat l-atti ta' din il-kawza fir-registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**